MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 983/2006

**Talba Nru: 983/06VGD**

Cutrico Services Limited (C9586)

Vs

Paul Bugeja (ID. 428167(L)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta’ elf, tliet mija u erbghin lira Maltin (Lm1340), rapprezentanti il-valur totali ta’ erbghin kambjala, kull wahda ghall-valur ta’ tlieta u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm33.50), minnu accettati u iffirmati, gja maturati u dovuta u enumerati bin-

numri 21 sa 60, kopji hawn annessi fuq folji immarkati Dok A sa T. Bl-ispejjes tal-prezenti, tal-ittra legali tas-17 ta’ Awissu 2005 u tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Settembru 2006, u bl-imghax legali mid-data tal-gheluq ta’ kull kambjala, kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut jhallas is-somma ta’ tlett elef, mija, u wiehed u ghoxrin Ewro u sitta u tletin centezmu (€3121.36), ekwivalenti ghas-somma ta’ elf, tliet mija u erbghin Lira Maltin (Lm1340), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------